ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IT-TMIEN SENA IL-MALTI (L-ORALI) Il-ĦIN: 10 minuti

IL-KARTA TAL-ISTUDENT (KARTA 3)

3A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra **parti** minn din is-**silta**. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.*

Is-silta: Tagħlima f'Waqtha

Geraldine kienet tifla kemxejn imqarqċa. Kienet tagħtik l-aħħar ħelwa li kien ikollha, imma ħej, xi darba kienet tfakkrek li kienet tkun tathielek. (par. 1)

Mela fil-vaganzi tas-sajf kienet ġejja n-nanna Hilda mill-Awstralja, biex toqgħod għandhom. Il-mamà taha ferħ ta' ġenn, l-iżjed għax in-nanna ma kinitx ommha, iżda l-kunjata. Riedet timpressjonaha u għaldaqstant ippreparat timpani, torti, zlazi u ġelati, tant li bilkemm qagħdu fil-friżer. Insomma, in-nanna Hilda l-Awstraljana, kellha ssib kollox lest. (par. 2)

Il-jum ta' qabel ma waslet, lil Geraldine daħlilha x-xogħol! Ommha qaltilha li sakemm tmur tara ssibx ftit tonn frisk mis-suq, hi kellha tfarfar kull m'hemm. "Iss ħej!" qaltilha hi, "Jien ippretendejt li mhux se nħallu xogħol għall-aħħar ġurnata wkoll." Ma ċeditilhiex, allavolja kellha logħba ġdida li riedet tippruvaha. U waslu għal kompromess. Meta tfarfar minn fuq s'isfel, tkun tista' tilgħab imqar sal-għada filgħodu. (par. 3)

U telqet. Geraldine irraġunat li ommha dejjem tqatta' l-isbaħ tliet sigħat is-suq. Allura skont hi ma jkun fiha xejn billi tilgħab ftit u tagħmel alarm għal siegħa wara, u mbagħad terħilha tfarfar bħar-Road Runner. Imma... il-logħba ma kinitx fejn ħallietha. Tqalleb 'l hawn u tfittex 'l hinn, iżda l-imbierka logħba ma nstabitx. "Żgur ħbithieli!" gergret. U baqgħet tfittex sakemm daqq l-alarm. Issuppervjat, u marret f'kamritha. (par. 4)

Ommha ġiet ftit wara. Anqas laħqet daħlet li ma daritx għaliha. "Tittrattani ta' tarbija! Għalfejn ħbejtli l-logħba?" għajtet. Ommha bil-kalma kollha, għamlet sebagħha l-werrej tal-lemin quddiem xofftejha. B'tax-xellug, urietha l-kexxun fejn kien hemm il-biċċiet tat-tfarfir. (par. 5)

Geraldine resqet lejn il-kexxun u fetħitu. Hemm kienet il-logħba, u kien hemm nota mwaħħla magħha. "Għażiża binti, jien naf li int matura biżżejjed biex din ma tmisshiex sakemm tfarfar...Inħobbok ħafna, il-mamà!" (par. 6)

(Silta addattata minn *Sagħtar,* Diċembru 2005 – Il-Paġni ta' Tania)

3B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Taħseb li t-tfal għandhom jgħinu fil-faċendi tad-dar? Għaliex?
2. Huwa importanti li ssib ħin għal-logħob fil-ħajja tal-lum? Għaliex?
3. Jista' jkun hemm xi logħob li jħalli influwenzi negattivi fuq il-bniedem? Liema taħseb li hu u għaliex?
4. Taqbel ma' Geraldine li ommha tittrattaha qisha tarbija? Għaliex?
5. Tħoss li għandu jkun hemm bilanċ bejn ix-xogħol u r-rikreazzjoni? Ikkummenta.

3Ċ: It-Taħdit 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Mal-eżaminatur ser tiddiskuti titlu **wieħed** minn dawn t'hawn isfel. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskursata. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-ħsibijiet tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.*

Agħżel bejn titlu **A jew B.**

A. X'taħseb li hu l-aħjar, il-logħob tal-passat jew tal-lum?

JEW

B. Taqbel li l-adulti għandhom jagħtu aktar libertà lit-tfal?